**17 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Roger Ruggier

*versus*

Oliver Ruggier u Dr. Philip Galea LL.D. bħala mandatarju ta' l-assenti Tanya Malone

## Ċessjoni ta' Drittijiet Inkorporali - Kodiċi Ċivili

*Fejn il-konvenju huwa ċessjoni ta' drittijiet inkorporali, hemm dubbju jekk id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 1407 tistax tiġi applikata. Ġie diversi drabi deċiż mill-Qrati tagħna li l-artikolu 1407 (2) ma japplikax għall-każijiet oħra ħlief għal dak ta' bejgħ.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess illi fil-5 ta' Jannar, 1976, skond skrittura annessa (Dok. "A") il-konvenuti obbligaw ruħhom li jbiegħu lill-attur is-sehem tagħhom indiviż mill-eredità tal-mejtin ġenituri komuni skond il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm indikati, u premess illi l-konvenuti għalkemm debitament avżati, naqsu milli jidhru għall-kuntratt

meta ġew imsejħa għall-istess kuntratt, talab li l-konvenuti jiġu kkundannati minn din il-Qorti jassenjaw sehmhom ta' l-eredità tal-ġenituri tagħhom favur l-attur taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fl-iskrittura Dokument "A" hemm annessa; bl-ispejjes;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dottor Philip Galea bħala *mandatarju* ta' l-assenti Tanya Malone li biha eċċepixxa li hu dejjem lest jersaq għall-assenjazzjoni in kwistjoni u għalhekk jipprotesta għall-ispejjes inutili ta' din il-kawża f'dawk li jirrigwarda Tanya Malone; salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Oliver Ruggier li biha eċċepixxa;

(1) li d-domanda ta' l-attur għandha tiġi miċħuda peress li ċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu tal-konvenju;

(2) li subordinatament l-iskrittura esibita maċ-ċitazzjoni hi nulla minħabba żball li jaffettwa s-sustanza ta' l-oġġett tal-kontrattazzjoni; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Marzu, 1977 li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Oliver Ruggier, bl-ispejjes kontra l-attur, *stante* li l-attur ma aġixxiex tempestivament, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri *da parti* tal-konvenut Dr. Phillip Galea *nomine*, u dan wara li kkunsidrat dwar din l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni:

Illi din il-kawża tirrigwarda talba ta' l-attur kontra żewġ ħutu, li huma l-konvenuti, sabiex jiġu kkundannati jasserjaw sehemhom ta' l-eredità tal-ġenituri tagħhom favur l-attur taħt

il-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fl-iskrittura tal-5 ta' Jannar, 1976. Fil-klawsola numru 2 ġie miftiehem li "l-assenjament definitiv isir fi żmien tliet ġimgħat mill-ġurnata li Roger Ruggier jinforma lill-partijiet li ottjena il-*'clearance'* tas-C.I.R. biex issir dan l-assenjament (sic)" (fol.4 tal-proċess);

Mill-ittra esibita fil-paġna 13 tal-proċess, jirriżulta li Roger Ruggier bagħat ittra fit-18 ta' Awissu, 1976 lil Oliver Ruggier fejn għarrfu li hu ottjena il-*'clearance'* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni rigward id-denunzja ta' l-eredità ta' missierhom li miet fl-20 ta' Diċembru, 1975, u aktar l-isfel fl-ittra, l-attur għamel ċar li l-perjodu tat-tliet ġimgħat beda jgħaddi minn dik id-data;

Fid-dibattitu orali, l-attur issottometta li *nonostante* li f'din l-ittra, l-attur qal li kien ottjena il-*'clearance'*, fil-fatt din ma kienx ottjeniha, u kellu biss informazzjoni li l-wirt ma kienx taxxabbli; u li għalhekk il-perjiodu ta' tliet ġimgħat ma bediex jiddekorri mit-18 ta' Awissu, 1976;

Il-Qorti tosserva li hu veru li l-*'clearance'* tas-C.I.R. sabiex isir il-kuntratt hi meħtieġa biex jista' jiġi pubblikat l-att, però jirriżulta mill-klawsola numru 6 ta' l-iskrittura li hu kellu jieħu ħsieb li jippreżenta id-denunzja, u mill-klawsola numru 2 fuq ċitata, jidher li t-terminu ta' tliet ġimgħat kellu jgħaddi mhux mill-**otteniment** tal-*'clearance'*, iżda mill-jum li fih l-attur **javża, lill-konvenuti li ottiena l-*'clearance'*.** Wara li jgħaddi dan il-perjodu, il-konvenuti kienu intitolati li jħossu ruħhom liberi mill-obbligi assunti fl-iskrittura, fil-każ li l-attur ma jkunx wera l-ħsieb li jrid li jinforza d-drittijiet tiegħu;

Fil-każ preżenti nsibu li t-terminu tat-tliet ġimgħat beda

jiddekorri mit-18 t'Awissu, 1976, ġaladarba l-attur stess ta' l-avviż rikjest skond il-ftehim f'dak il-jum u tliet ġimgħat skadew fit-8 ta' Settembru, 1976. Iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fl-24 ta' Settembru, 1976, u qabel ma skada t-terminu tat-tliet ġimgħat, l-attur ma ppreżenta ebda att ġudizzjarju biex juri li qed jinsisti li jżomm fermi d-drittijiet tiegħu;

Is-soluzzjoni tal-każ kienet tkun aktar ċara u definita li kieku kellu jiġi applikat dak li ġie dispost fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie emendat bl-Att XXVII tal-1976, peress li dan jiddisponi ċar li kien jinħtieġ li jiġi preżentat att ġudizzjarju qabel ma jiskadi ż-żmien, u li mbagħad iċ-ċitazzjoni ssir fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq iż-żmien. Bħal ma ingħad diġà, fil-każ preżenti, l-attur naqas li jippreżenta l-att ġudizzjarju, u b'hekk iddekada mid-drittijiet tiegħu;

Però, hemm dubbju jekk din id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1407 (2) tistax tiġi applikata, *invista* li l-konvenju bejn il-kontendenti hu ta' ċessjoni ta' drittijiet inkorporali konsistenti fi drittijiet ereditarji, u ġie diversi drabi deċiż mill-Qrati tagħna li l-artikolu 1407 (2) ma japplikax għall-każijiet oħra ħlief għal dak ta' bejgħ (Ara: Appell 'Bartolo - *vs* - Cilia', 24/3/1947, Vol.XXXIII, I, 568, li kien dwar promessa ta' bejgħ ta' l-azjenda kummerċjali u ġurisprudenza hemm ċitata: Vol.XVI,p.60, p.227; XV p.194, u oħrajn );

Fil-każ preżenti, anke jekk mhiex applikabbli din id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1407 (2), il-Qorti ssib li, qabel ma jiskadi t-terminu ta' tliet ġimgħat miftiehem, l-attur kellu l-obbligu li juri b'att ġudizzjarju li jrid iżomm fermi d-drittijiet tiegħu u mbagħad jippreżenta ċ-ċitazzjoni fi żmien raġonevoli wara;

Fin-nuqqas ta' din l-interpellazzjoni ġudizzjarja qabel ma skada t-terminu il-konvenut Oliver Ruggier kien ġustifikat jikkunsidra ruħu bħala maħlul mill-obbligi assunti fil-konvenju msemmi li għadda t-terminu espresssament miftiehem;

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Oliver Ruggier timmerita li tiġi milqugħa;

*Stante* li l-kawża kienet ġiet differita għad-deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni sollevata minn wieħed mill-konvenuti, u l-konvenut Dr.Philip Galea *nomine* ma kellux l-opportunità li jittratta l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-ispejjes, il-Qorti ser tiddiferixxi l-kawża għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni ta' Dr.Philip Galea *nomine;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur li appella minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza,bl-ispejjes tal-konvenuti appellati;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet bil-ġurament lill-attur appellant;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-klawsola numru (2) ta' l-iskrittura tal-5 ta' Jannar, 1976 (fol.4) il-partijiet ftiehmu "illi l-assenjament definittiv isir fi żmien tliet ġimgħat mill-ġurnata li Roger Ruggier (i.e. l-attur appellant) jinforma lill-partijiet li ottjena l-*clearance* tas-C.I.R. biex isir dan l-assenjament";

Bl-ittra tat-18 t'Awissu, 1976 (fol.13) l-imsemmi Roger Ruggier informa lill-konvenut Oliver Ruggier illi huwa "ottjena l-'*clearance*' tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni rigward id-denunzja ta' l-eredità ta' missierhom li miet fl-20 ta' Diċembru, 1975", u bl-istess ittra għamel riferenza għall-imsemmija skrittura tal-5 ta' Jannar, 1976, u spiċċa biex jgħid li skond din l-iskrittura it-trasferiment fi żmien tliet ġimgħat mid-data ta' l-istess ittra, cjoè mit-18 t' Awwissu 1976;

Kif tajjeb irrilevat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, it-terminu ta' tliet ġimgħat kellu jibda jgħaddi mill-ġurnata li fih l-attur jinforma lill-konvenuti li ottjena l-'*clearance*', u mhux mill-otteniment tal-'*clearance*', u dan jaqbel miegħu anke l-istess attur, kif jidher ċar mill-imsemmija ittra tat-18 t'Awissu, 1976;

Ma jistax ikun hemm dubbju, għalhekk, li meta l-attur informa lill-konvenut Oliver Ruggier li huwa kien ottjena l-'*clearance*', almenu fil-konfront ta' l-istess Oliver Ruggier beda jiddekorri t-terminu ta' tliet ġimgħat, u la darba l-attur ħalla dan it-terminu jiskadi bla ma għamel ebda att ġudizzjarju biex juri li jrid iżomm fermi d-drittijiet tiegħu fit-termini tal-ftehim, l-imsemmi Oliver Ruggier kien ġustifikat jikkonsidra ruħu maħlul mill-ftehim raġġunt bl-imsemmija skrittura tal-5 ta' Jannar, 1976;

Ix-xhieda ta' l-attur appellant tat-28 ta' Frar, 1983, quddiem din il-Qorti, ma tbiddel bl-ebda mod il-pożizzjoni. Bl-iskrittura tal-5 ta' Jannar, 1976, l-attur assuma l-inkarigu li jagħmel id-denunzja tas-suċċessjoni, u kien hu stess li fit-18 t'Awissu, 1976, informa lill-konvenut Oliver Ruggier li kien ottjena l-'*clearance*' mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u attiralu l-attenzjoni li allura beda jiddekorri t-terminu tat-tliet ġimgħat miftiehem bejn il-partijiet. Kien ukoll l-attur ukoll li ħalla dan it-terminu jiskadi bla ma ppreżenta l-ebda att

ġudizzjarju biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu fi żmien utili qabel l-iskadenza tat-terminu li d-dekorriment tiegħu ġie provokat minnu stess;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjes kontra l-attur appellant, u tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvjati lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għat-trattazzjoni ulterjuri u eventwali deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' Dr. Philip Galea *nomine* kif ingħad fis-sentenza appellata.